MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2011

Appell Kriminali Numru. 426/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Alexandra Grech)**
**Vs**
**Nicholas Bellotti**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli

1. fit-30 ta’ Jannar 2007 għall-ħabta tas-6:00pm fi triq San Nikola, Bormla, bil-ħsieb li jgħamel delitt ura dan il-ħsieb b’atti esterni, iżda li mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ ħaddieħor f’periklu ċar, permezz ta’ xi arma, strument, jew għodda oħra jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, fuq il-persuna ta’ Rosanne Aquilina, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mil-volonta tal-ħati, u dan b’arma, strument jew għodda irregolari, (vettura nru. PAT478) u dan bi ksur

tal-Artikoli 41(1)(a), 64, 214, 216, 217 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

2. ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe’ offiża ta’ natura ħafifa fuq Rosanne Aquilina, skond ma ċċertifika Dr. M. Martinelli MD (Reg. 1690) miċ-ċentru tas-saħħa ta’ Raħal Ġdid u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

3. saq, jew ipprova jsuq jew kellu l-kontroll ta’ ‘motor-car’ li kienet fit-triq jew f’post pubbliku ieħor meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 15A (1) tal-Kapitlu 65;

4. saq, ipprova jsuq jew kien fil-kontroll ta’ ‘motor-car’ li kienet fit-triq jew f’post pubbliku ieħor wara li kien ikkonsuma tant alkoħol li l-proporzjon tiegħu fin- nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mil-limitu preskritt u dan bi ksur ta’ l- artiklu 15B tal-Kapitlu 65.

5. saq vettura Nru PAT478 b’manjiera traskurata u perikoluża u dan bi ksur ta’ l-artiklu 15 tal-kapitlu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta.

6. waqt li kien qed isuq vettura PAT478 naqas li jżomm fuq in-naħa tax-xellug tat-triq u dan bi ksur ta’ l-Artiklu 75 ta’ l-MVR

7. saq vettura Nru. PAT478 b’ġiri iktar milli jmissu u dan bi ksur ta’ l-Artiklu 127 tal-MVR.

8. waqt li kien involut f’aċċident tat-traffiku, naqas li jieqaf fuq il-post u jagħti l- partikolarijiet tiegħu lill-persuna l-oħra u dan bi ksur ta’ l-Artiklu 67 tal-MVR

9. fl-istess jum, lok, ħin u ċirkustanzi, qal kliem fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti, jew għamel atti jew ġesti oxxeni, jew b’xi mod ieħor li mhux provdut fil-Kodiċi Kriminali, offendew il-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika, u dan bi ksur tal-Artiklu 338(bb) u 342 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

10. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkustanzi hedded bi ħwejjeġ iebsin (arma) lil Rosanne Aquilina u lil persuni oħra u dan bi ksur ta’ l-artiklu 339(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

11. fl-istess jum, ħin, lok u ċirkustanzi ħebb għal Rosanne Aquilina sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jgħamlilha ħsara u dan bi ksur ta’ l-artiklu 339(d) u (e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

12. fl-istess jum, lok, ħin u ċirkustanzi bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta' Rosanne Aquilina weġġagħha bi kliem b'ġest jew b'mod ieħor u dan bi ksur tal-artiklu 252(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta
13. fl-istess jum, lok, ħin u ċirkustanzi imbotta lill-imsemmi Rosanne Aquilina sabiex iweġġagħha jew jinsulentaha u dan bi ksur ta' l-artiklu 339(1)(l) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
14. b'hekk sar reċediv b'sentenzi li saru definittivi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u dan ai termini ta' l-artikoli 49, 50, u 289(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Novembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 17(h), 41(1)(a), 64(2), 214, 216(1)(b), 217, 221(1)(4) tal-Kap. 9, l-artikoli 15(1)(a), 15A(1) u 15B tal-Kap. 65, ir-regolament 67, 5 u 127 tal-Motor Vehicle Regulations, 338(bb), 342, 339(b), 339(d) u (e), 252(1), 339(1)(1) u 49 u 50 u 289 tal-Kap. 9 (bl-ahhar artikolu applikabbli biss ghas-serq, u konsegwentement m'ghandux x'jaqsam mal-proceduri odjerni) sabet lill-appellant hati tal-ewwel, tat-tielet, tar-raba', tal-hames, tas-sitt, tat-tmien, tad-disa' w tal-ghaxar imputazzjoni (izda din hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni), tal-hdax l-imputazzjoni (izda din hija assorbita fit-tieni imputazzjoni li minnha l-appellant gie liberat), tat-tlettax l-imputazzjoni (li hija assorbita fil-hdax l-imputazzjoni) u tal-erbatax l-imputazzjoni w illiberatu mit-tieni imputazzjoni, mis-seba' imputazzjoni u mill-hdax l-imputazzjoni, w wara li rat ukoll l-artikolu 17(f) tal-Kap. 9 kif ukoll l-artikoli 13(H)(1)(a) u 55(1) tal-Kap. 65 ikkundannat lill-appellant ghal tliet xhur prigunerija w ghall-hlas komplessiv ta' multi u ammenda ta' €930.77 u skwalifikatu milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal zmien tliet xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-25 ta' Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn illiberat lill-appellant mit-tieni, mis-seba' w mill-hdax l-imputazzjoni, tvarja l-istess sentenza fejn din sabitu hati ta' l-ewwel, tat-tielet, tar-raba', tat-tmien u tal-ghaxar

imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u htija dedotti kontra tieghu u jekk din il-Qorti joghgobha tikonferma l-htija tieghu fuq dawk l-akkuzi li diga' nstab hati taghhom jew fuq uhud minnhom tvarja l-piena moghtija billi tipprovdi ghall-piena aktar mita w idoneja fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin kemm tal-provi u kemm tal-fatti. Ghandu jinghad li in effetti hija l-umli fehma tal-appellant li l-akkuzi ma gewx sodisfacentement ipprovati fil-konfront tieghu;
Illi l-ewwel akkuza dik ta’ tentattiv ta’ ferita gravi fit-terminu tal-artikolu 216(1)(b) li hija l-aktar wahda gravanti ma tirrizultax manifestament;
Illi jidher li l-manuvra li ghamel l-appellant veru setghet kienet wahda inopportuna pero’ saret biss sabiex huwa jahrab minn fuq il-post. L-appellant bl-ebda mod ma kellu l-intenzjoni generika li jferi lil Rosanne Aquilina. Dan jirrizulta mill-istatement tieghu. Fil-fatt l-unika prova li tirrizulta in sostenn tat-tezi tal-prosekuzzjoni kien li huwa rriversja u li kwazi laqghat lill-persuna indikata;
Illi pero’ kif intqal huwa rriversja sabiex jahrab minn fuq il-post;
Illi inoltre ghandu jinghad li l-appellant mar volontarjament l-ghassa tad-distrett sabiex jaghmel rapport tal-incident fejn allura huwa ta l-partikularitajiet kollha tieghu;
Illi mill-provi fl-ebda mod ma jirrizulta li hedded lil Rosanne Aquilina b’xi hwejjeg iebsin fit-terminu tal-artikolu 339(b) tal-kap. 9;
Illi inoltre l-piena fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva u mhux idoneja;
Illi f’dan ir-rigward ghandu jinghad li l-appellant hallas pjenament il-hsarat sofferti minn Rosanne Aquilina. B’hekk din ma soffriet l-ebda danni konsegwenzjali;

Illi inoltre saret rikonciljazzjoni pjena bejn l-appellant u l-persuna imsemmija b'tali mod li din hafritlu ghal kollox u li kienet pjenament sodisfatta bl-iskuza tieghu u bil-kumpens li huwa taghha;
Illi l-appellant huwa pjenament ri-integrat fis-socjeta' u llum jahdem regolarment mal-Aplan ta' Birkirkara By-Pass, Birkirkara, BKR 9037 bhala installer;
Illi naturalment jekk hu jmur il-habs jitlef l-impjieg tieghu u jsofru problemi drastici l-familja tieghu;
Illi ghandu jinghad li l-appellant jinsab taht il-gwida ta' probation officer u jixtieq li jkollu l-opportunita' jingungiha bhala xhud waqt is-smiegh ta' dan l-appell biex huwa juri l-Qorti li mexa ferm il-quddiem fil-hajja tieghu.

Ikkunsidrat :

Il-fatti ta' din il-kawza jidhru illi huma pacifici.

Fit-30 ta' Jannar 2007 l-appellant Nicholas Bellotti kien qed isuq il-vettura tieghu PAT 478 kontra l-"one way" fi Triq San Nikola, Bormla. Dak il-hin huwa habat ma' vettura misjuqa minn Rosanne Aquilina, li naturalment bdiet tirrabja mieghu. L-appellant irreagixxa w irrisponda b'certa rabja. Saq minn fuq il-post ta' l-incident u rega' rriversja fid-direzzjoni ta' Rosanne Aquilina. Minn hawnhekk il-verzjonijiet imorru direzzjonijiet opposti.

Il-parti leza Rosanne Aquilina tghid illi l-appellant saq deliberatament ghal fuqha w li kieku ma warbitx kien jolqotha. Barra minn hekk, l-appellant kien fi stat ta' sokor.

L-appellant jghid illi huwa gie mhedded mill-familja ta' Rosanne Aquilina w ra ammont ta' nies gejjin ghal fuqu, u kien ghalhekk li saq minn fuq il-post. F'hin minnu ra lill-missieru imdawwar b'dawn in-nies illi kienu gew fuq il-post ta' l-incident u li kien ghalhekk illi rega` saq lura sabiex jipprotegi lill-missieru milli jkun imsawwat.

L-Ewwel Qorti, wara li fliet il-provi emmnet il-verzjoni tal-parti leza w ix-xhieda okulari li kien hemm fuq il-post, izda l-appellant f'dan l-appell, qieghed jargumenta illi l-Ewwel

Qorti ghamlet apprezament hazin tal-provi kif ukoll tal-fatti. Argumenta illi fl-ewwel akkuza qed jigi addebitat b'tentattiv ta' ferita gravi fit-terminu tal-artikolu 216(1)(b) u jghid illi ma kienitx tezisti l-intenzjoni generika biex huwa jikkawza l-hsara fi kwalunkwe kaz saret rikonciljazzjoni bejn l-imputat u l-parti leza w m'hemmx aktar kwistjonijiet bejniethom. Kien ghalhekk illi s-sentenza kellha tigi riveduta.

Minn naha l-ohra l-Avukat Generali argumenta illi rrizulta car illi l-imputat deliberatament saq ghal fuq Rosanne Aquilina w ma kienx hemm dubju illi l-appellant kien taht l-influwenza tax-xorb.

Id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati kienet wahda legali u ragjonevoli u ghalhekk ma kellhix tigi disturbata. Fi kwalunkwe kaz, il-piena nghatat fil-minimum u ghalhekk ghandha tibqa.

Ikkunsidrat :

Huwa veru illi biex tissusisti l-ewwel akkuza jrid jigi ppruvat illi l-appellant kellu l-intenzjoni generika jew "positive indirect intent" sabiex jikkawza feriti fuq Rosanne Aquilina w dana billi saq karozza fid-direzzjoni taghha.

Il-hsieb tal-appellant ma giex imwettaq il-ghaliex Rosanne Aquilina warrbet minn nofs fl-ahhar sekondi u ghalhekk dana gie meqjus bhala "il-haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tal-hati".

Jibda biex jinghad illi l-intenzjoni generika tavvera ruhhu meta dak li jkun, ikun jista' jissoponi l-konsegwenzi tal-ghemil tieghu, li pero`, ma jkunx jimpurtah minn dawn il-konsegwenzi u jaghmilhom xorta wahda.

Hawnhekk l-appellant kien qieghed jsuq vettura illi, f'certa cirkostanzi, meta din tigi abbuzata tista` w ghandha titqies bhala arma skond il-ligi, kif tajjeb ikkonkludiet l-Ewwel Qorti.

L-appellant kien fi stat ta' sokor, qed isuq kontra l-"one way" u sab ruhu f'sitwazzjoni ta' diffikulta`, liema sitwazzjoni gabha fuqu nnifsu.

Il-Qorti hija sodisfatta illi l-appellant kien fi stat ta' sokor, kif ukoll ikkonkludiet l-Ewwel Qorti. Dana allura jppogi presunzjoni fuq is-sewwieq jekk jikser ir-regolamenti tat-traffiku.

Ma hemmx dubju illi f'dak il-mument, waqt illi l-appellant kien qed isuq kontra l-"one way", dana ghamlu b'mod volontarju u deliberat u ghalhekk ma jistax jiehu vantagg minn din is-sitwazzjoni, izda minflok ma qaghad kwiet u jara kif jirranga is-sitwazzjoni sar aggressiv fil-konfront tal-parti leza.

Ir-reazzjoni ta' din ta' l-ahhar kienet wahda naturali ghax ma kienitx qed tistenna illi tara karozza ghaddejja kontra d-direzzjoni tat-triq u ghalhekk sar l-incident u bir-ragun irrabjat.

Minn naha l-ohra l-appellant ma kellux ragun illi jirreagixxi ghal din ir-rabja tal-parti leza. Ir-reazzjoni tieghu kienet wahda vjolenti u mhux gustifikata fic-cirkostanzi. Mihjiex skuza illi jghid illi ra grupp ta' nies nizlin fit-triq u haseb illi kienu sejrin jaggreduh. Dina mihjiex provokazzjoni fis-sens tal-ligi.

Kien l-appellant li pprovoka s-sitwazzjoni kollha, bl-istat ta' sokor tieghu u bis-sewqan traskurat u perikoluz tieghu.

Huwa principju ta' gustizzja naturali illi hadd ma ghandu jiehu vantagg minn nuqqasijiet tieghu, u minn fuq, l-appellant ipprova jiehu dan il-vantagg u jiggustifika l-agir tieghu meta saq fid-direzzjoni ta' Rosanne Aquilina.

Hawnhekk ukoll il-Qorti lesta illi toqghod fuq il-verzjoni ta' Rosanne Aquilina w ix-xhieda ohra okulari illi raw lill-appellant isuq direttament ghal fuq Aquilina.

L-appellant seta` jisoponi x'kien se jigri b'dan is-sewqan, izda madankollu ma impurtahx u xorta baqa` jippersisti

fid-direzzjoni tieghu, u kienet proprju l-mossa ta’ Rosanne Aquilina li twarrab minn nofs fl-ahhar mumenti illi evitat illi tkun milquta w sofri giehi gravi kawza ta’ habta ma karozza.

Issa hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza Repubblika ta’ Malta vs Ivan Gatt deciza fl-1 ta’ Dicembru, 1994 *“fi kliem iehor, l-ezercizzju ta’ din il-Qorti fil-kaz prezenti u f’kull kaz iehor fejn l-appell ikun ibbazat fuq apprezzament tal-provi huwa li tezamina l-provi dedotti f’dan il-kaz, tara jekk, anki jekk ikun verzjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghet liberament u serenament tigi emnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubbju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali verzjoni setghet tigi emnuta w evidentement giet emnuta ...... il-funzjoni anzi d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-deskrizzjoni u dak l-apprezzament.”*

Fir-rikors tal-appell tieghu l-appellant talab ukoll illi l-piena tigi riveduta. Hawn ukoll ghandha l-konfort ta’ sentenzi precedenti li ghandhom jirregolaw din il-kwistjoni “il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-deskrizzjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika illi kellha tkun anqas minn dak li tkun fl-att” (Repubblika vs Eleno sive Lino Bezzina – 24 ta’ April 2003, Repubblika vs David Vella 14 ta’ Gunju, 1999 u ohrajn).

Din il-Qorti wara apprezzament approfondit tad-decizjoni tal-Ewwel Qorti jidhrilha illi kienet ragjonevoli u legalment korretta w setghet tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Ghalhekk mhux il-kaz illi tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------